MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1001/2012

**Laurentiu Marian Darie, Bozo Pesa ,**
**Milenko Maric, Zoran Milosevic,**
**Ivica Kokan, Tomislav Banjad,**
**Nenad Radina, Mirko Raskovic, u**
**Paul Falzon bhala mandatarju tal-assenti**
**Ljubomir Stancic, Aleksandar Stanicic,**
**Jovan Kordic, Dino Juricev,**
**Sergiy Gryshyn, u Laurentiu Chivu**

**vs**

**m/v "CGM Tiger"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici tal-5 ta’ Ottubru 2012 li jghid hekk:
1. Illi r-rikorrenti irrendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment ossia t-tanker tal-

gass intimat, u whud minnhom ghadhom hekk qed irendu servizz fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Illi t-tanker intimat dahal f'Malta fl-14 ta' Marzu 2012 u sa minn dakinhar baqa' fl-ibhra u gurisdizzjoni ta' Malta, fejn illum jinsab sorgut fil-Palumbo Shipyard;

3. Illi t-tanker intimat, li huwa proprjeta tas-socjeta Taljana Cryo Gas Med srl, igib in-numru ufficjali tal-IMO 8705955, ghandu gross tonnage ta' 2,997 tunellata u jtajjar il-bandiera tal-Panama;

4. Illi r-rikorrenti ghandhomn jircievu minghand it-tanker intimat ammonti konsiderevoli bhala pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess tanker kif jirrizulta mill-prospett anness, certifikat mill-Master tal-istess tanker (Dok. LMD1);

5. Illi r-rikorrenti interpellaw diversi drabi lit-tanker intimat u lis-sidien tieghu sabiex ihallsu dak dovut minnhom izda dawn min-naha taghhom baqghu inadempjenti peress li ddikjaraw li ser ihallsu dak minnhom dovut hekk kif jinstab xoghol gdid;

6. Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 1462/2012, bil-ghan li jassiguraw li t-tanker intimat jibqa' f'Malta u hekk ikunu jistghu jipprocedu b'din l-istanza in rem kontra l-istess tanker.

Ghaldaqstant, ighid it-tanker intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:

1. Tiddikjara li t-tanker intimat huwa debitur tar-rikorrenti ghal pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess tanker;

2. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta' pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess tanker;

3. Tikkundanna lit-tanker intimat ihallas lir-rikorrenti rispettivament l-ammonti hekk likwidati fit-talba precedenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest numru 1462/2012, kontra t-tanker intimat ingunt ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi inkluz dik ghal danni, u ammonti ohra dovuti lir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-vapur huwa debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-20 ta' Novembru 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza in rem maghmula ai termini tal-artikolu 742(B)(r) tal-Kap. 12:

Xehed f'din il-kawza Paul Falzon, rapprezentant tal-International Transport Federtion li qal illi l-Federazzjoni ghenet lil bahrin tal-vapur billi dawn ghamlu talba ghall-ghajnuna peress illi kienu ilhom ma jithallsu pagi minn Marzu 2012. Il-Federazzjoni ghamlet kuntatt mal-kaptan tal-vapur li jirraprezenta lis-sidien li nfurmahom illi s-sidien xtaqu jhallsu dak dovut pero kellhom diffikultajiet finanzjari. Hu wkoll ikkuntattja lil wiehed mid-diretturi tal-vapur Marco Fresia li nfurmah li fehem il-posizzjoni tal-bahrin. Hu zied li f'din il-kawza qed jirraprezenta whud mill-bahrin peress illi dawn intbaghtu f'pajjizhom biex ifittxu xoghol iehor tenut kont li baqghu ma thallsux dak dovut lilhom. Hu esebixxa wkoll rendikont aggornat dwar il-hlasijiet dovuti lill-atturi €228,749.16 liema ammont hu dovut lill-atturi ghal pagi mhux imhallsa (Dok. AMB1).

Il-Qorti taghti kredibilita shiha lil dan ix-xhud u ma ssib xejn fl-atti li ma jimmeritax illi t-talbiet tal-atturu jigi milqugha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li t-tanker konvenut hu debitur tal-atturi ghal pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess tanker fis-somma ta' €228,749.16 u dan sas-6 ta' Novembru 2012 u konsegwentement tikkundanna lit-tanker konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata bl-ispejjez kontra t-tanker konvenut kif mitluba u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------